IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 16.12.2008
SEG(2008) 3048

DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

li jakkumpanja

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

"Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ"

Taqsira tal-Istima tal-Impatt

{KUMM(2008) 865 finali}
{SEG(2008) 3047}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

TAQSIRA TAL-ISTIMA TAL-IMPATT DWAR QAFAS STRATEĠIKU AĠĠORNAT GĦALL-KOOPERAZZJONI EWROPEA FL-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ

Din l-istima tal-impatt għandha takkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-Kunsill tal-Edukazzjoni stieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta proposta bħal din f'messaġġi ta' qofol li ġew approvati sal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2008.

L-edukazzjoni u t-taħriġ huma fattur kruċjali fl-Istrateġija ta' Liżbona u l-metodu miftuħ tagħha ta' koordinazzjoni (il-programm ta' ħidma "Edukazzjoni u Taħriġ 2010") ħalla riżultati konkreti, filwaqt li żied il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi fil-kooperazzjoni Ewropea u żied il-benefiċċji minnha u naqqas l-ostakli għal mobilità taċ-ċittadini u għat-tagħlim li jissokta matul il-ħajja. Minkejja dan, għadhom jippersistu sfidi u dgħufijiet ewlenin fis-sistemi nazzjonali kif muri fir-Rapport Konġunt tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 2008 dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma[1] u l-progress insufficjenti lejn il-kisba tal-ħames standards ta' referenza mifthiema taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni attwali. Dawn ir-riżultati u r-reazzjonijiet li waslu minn konsultazzjonijiet ta' Stati Membri u organizzazzjonijiet Ewropej tal-partijiet interessati mwettqa fil-kuntest ta' din l-istima tal-impatt juru li hemm ħtieġa li tittejjeb l-implimentazzjoni nazzjonali u permezz ta' hekk l-impatt tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar sistemi nazzjonali billi tiġi żgurata konċentrazzjoni aqwa fuq prijoritajiet immedjati, impenn politiku u viżibilità akbar, involviment aħjar tal-partijiet interessati, tagħlim reċiproku aktar effettiv u koordinazzjoni aqwa tat-tagħlim li jissokta matul il-ħajja madwar is-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

Fir-rigward tal-isfidi futuri totali għas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ, jippersistu l-isfidi ta' politika tal-ekonomija tal-għarfien, il-bidla demografika u l-globalizzazzjoni enfasizzati mill-Istrateġija ta' Liżbona. Barra minn dan, kwistjonijiet bħalma huma l-migrazzjoni u s-sostenibilità saru mill-iktar prominenti. Hemm riskji serji ta' kollokazzjonijiet stunati bejn il-provvista u d-domanda tal-ħiliet, bi skarsezzi ta' ħaddiema tas-sengħa u livelli insufficjenti ta' kwalifiki ta' persuni mingħajr sengħa. Għalhekk hemm ħtieġa urġenti biex jittejbu l-ħiliet tal-ħaddiema u ta' dawk li qegħdin fir-riskju ta' esklużjoni. L-evidenza ekonomika tikkonferma l-benefiċċji konsiderevoli għall-ekonomija, is-soċjetà u l-individwu tal-investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ, mil-lat ta' kapaċità li tiġi impjegat, għarfien u innovazzjoni, inklużjoni soċjali u ċittadinanza, inklużi t-tnaqqis tar-reati u t-titjib tas-saħħa.

Ir-riżultat tal-konsultazzjoni wiesgħa ta' pajjiżi, ta' msieħba soċjali u ta' partijiet interessati dwar ir-riżultati tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni attwali fl-edukazzjoni u t-taħriġ kien fil-biċċa l-kbira favorevoli. L-isfidi u l-għanijiet globali li jindirizza l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni għadhom validi. Minkejja dan il-pajjiżi jirrakkomandaw ukoll aġġustamenti għall-metodi ta' ħidma sabiex iżidu l-konċentrazzjoni u l-effettività tagħhom.

Abbażi tal-isfidi ta' hawn fuq, qed jiġu definiti tliet għanijiet għal qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ: iż-żieda tal-livelli globali tal-ħiliet (fuq medda twila ta' żmien), l-appoġġ tal-pajjiżi fir-riformi tagħhom tal-edukazzjoni u t-taħriġ (fuq medda medja ta' żmien) u, fl-aħħarnett, l-indirizzar tal-elementi speċifiċi biex jittejbu l-

[1] Ir-Rapport Konġunt tal-Progress 2008 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma 'Edukazzjoni u Taħriġ 2010' "Il-provvista ta' tagħlim li jissokta matul il-ħajja għall-għarfien, il-kreattività u l-innovazzjoni" (Frar 2009), ĠU C 96/1 ta' 5.4. 2008

effettività u l-impatt tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, speċjalment permezz ta' konċentrazzjoni aqwa, impenn politiku u viżibilità, involviment tal-partijiet interessati, tagħlim *inter pares* u koordinazzjoni orizzontali madwar is-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ (fuq medda qasira ta' żmien).

Qed jittieħdu inkonsiderazzjoni erba' alternattivi ta' politika: l-issoktar tal-ħidma fl-ambitu tal-istrateġija ta' Liżbona mingħajr Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni speċifiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-issoktar tal-istatus quo (jiġifieri l-programm ta' ħidma tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 fl-għamla attwali), qafas strateġiku aġġornat u Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni usa' u aktar profond. Kull waħda minn dawn l-alternattivi tirrikjedi tip differenti ta' impenn mill-pajjiżi u ta' ammont tax-xogħol mil-lat ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni, iżda kollha kemm huma jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u huma proporzjonati għall-isfidi ewlenin li jikkonforntaw l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-kuntest usa' tal-Istrateġija ta' Liżbona u l-Aġenda Soċjali mġedda.

Huwa diffiċli li tivverifika l-impatt tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fuq it-tfassil tal-politika u l-konverġenza ta' politika għall-erba' alternattivi kollha. B'mod partikolari, huwa diffiċli li turi evidenza robusta ta' rabta każwali bejn il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni u l-effetti ta' politika nazzjonali mil-lat ta' riżultati kwantifikabbli (pereżempju fir-rigward taż-żieda tal-livelli ta' ħiliet meta mkejla mill-progress fir-rigward ta' standards ta' referenza). Minkejja dan, f'termini kwalitattivi, l-esperjenza li teżisti sal-lum u l-konsultazzjoni jikkonfermaw li l-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni bħalissa huwa nettament meqjus mill-Istati Membri u l-partijiet interessati bħala li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politika nazzjonali, iżda b'oqsma li għandhom bżonn titjib. Għalhekk, it-tisħiħ tal-effettività tiegħu permezz jew ta' qafas strateġiku aġġornat inkella Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni usa' u aktar profond (l-alternattiva 3 jew 4) probabilment għandu jżid l-impatt globali tiegħu fuq ir-riforma tas-sistemi nazzjonali li jikkontribwixxu għall-Aġenda ta' Liżbona u L-Aġenda Soċjali mġedda.

Filwaqt li l-alternattivi differenti kollha għandhom il-vantaġġi tagħhom, huwa biss l-iżvilupp ta' qafas strateġiku (l-alternattiva 3) li jilħaq l-obbligi għall-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni biex ikollu impatt aqwa fuq riformi nazzjonali ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ u biex isir strument aktar effettiv ta' kooperazzjoni u żvilupp tal-politika. Huwa jippermetti li ssir definizzjoni tal-għanijiet politiki li tirreaġixxi għall-firxa sħiħa ta' sfidi identifikati mill-Istati Membri u l-partijiet interessati u wkoll li tirreaġixxi għal sfidi fir-rigward tal-metodi ta' ħidma użati fil-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni. Fl-aħħarnett, din l-alternattiva hija wkoll vijabbli.

Il-mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatt fuq it-tfassil ta' politika nazzjonali , il-konverġenza ta' politiki u l-effetti tal-politiki tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ diġà jeżistu fl-għamla ta' rapporti konġunti tal-progress ta' kull sentejn u rapporti annwali dwar elementi ta' indikazzjoni u standards ta' referenza. L-effettività tagħhom għandha tissaħħaħ b'enfasi aqwa fuq il-prijoritajiet tematiċi fir-Rapporti Konġunti, l-inklużjoni tal-valutazzjonijiet tal-pajjiżi, reazzjoni mtejba mill-Istati Membri dwar it-tħaddim tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni u involviment ikbar tal-partijiet interessati.